Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

16378/14
(OR. en)

PRESSE 622
PR CO 64

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3352 laqgħa tal-Kunsill

Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija

Trasport

Brussell, 3 ta' Diċembru 2014

President **Maurizio Lupi**
Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport tal-Italja

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 6319 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

SES II+: Ajru Uniku Ewropew

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar żewġ proposti tal-pakkett SES II+: li jitħaffef il-pass tal-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (proposta tas-SES) u li jiġu emendati r-regoli għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (proposta tal-EASA). Il-proposti għandhom l-għan li jagħmlu s-sistema Ewropea tat-trasport bl-ajru inqas frammentata u aktar kompetittiva. Stqarrija għall-istampa

Maurizio Lupi, il-Ministru Taljan għall-Infrastruttura u t-Trasport, li ppresjeda l-laqgħa, qal: "Illum tajna tweġiba konkreta lill-komunità tal-avjazzjoni tal-UE u liċ-ċittadini tal-UE, li kienu qed jistennew din il-proposta. Ilħaqna ftehim importanti dwar proposta li għandha ssolvi ħafna mill-kwistjonijiet li l-Istati Membri għandhom fir-rigward tal-leġislazzjoni tas-SES u terġa' tistabbilixxi l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku fuq bażi ġdida u pożittiva".

Ir-raba' pakkett ferrovjarju

Il-Ministri qiesu l-progress li sar fir-rigward tal-proposti dwar il-ftuħ tas-swieq u governanza aktar b'saħħitha. Huma adottaw approċċ ġenerali dwar proposta biex jitħassar ir-regolament attwali dwar in-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' impriżi ferrovjarji, li skada.

Il-Ministru Lupi qal: "Wara tliet semestri ddedikati biss għall-pilastru tekniku tar-raba' pakkett ferrovjarju, il-Presidenza Taljana indirizzat bir-reqqa l-pilastru politiku tiegħu. Wara l-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni f'Ottubru li għadda fil-Lussemburgu, wettaqna negozjati estensivi li tawna l-opportunità nidentifikaw il-proposti li għandhom isiru fuq il-kwistjonijiet ewlenin kollha għall-ġejjieni. Il-Presidenza Latvjana għalhekk se tkun f'pożizzjoni li tiffinalizza n-negozjati fil-Kunsill, b'mod li twitti t-triq għall-iskambju finali mal-Parlament Ewropew u, wieħed jittama, l-adozzjoni tal-pakkett sħiħ, kif mixtieq mill-Parlament u miċ-ċittadini u n-negozji tal-UE".

L-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport

Il-Ministri adottaw sett ta' konklużjonijiet dwar l-infrastruttura tat-trasport u n-netwerk trans-Ewropew.

Il-Ministru Lupi iddikjara: "L-investimenti f'infrastrutturi tat-trasport u netwerks effiċjenti huma kruċjali biex jitrawmu t-tkabbir u l-kompetittività, u b'hekk jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar. Bil-konklużjonijiet li adotta llum, il-Kunsill unanimament jibgħat messaġġ ċar dwar il-potenzjal enormi ta' investimenti fl-infrastruttura, fil-kuntest tar-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020".

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI **4**

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

INVESTIMENTI FL-INFRASTRUTTURA 6

SES II+: AJRU UNIKU EWROPEW 6

PERSUNAL TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD 7

IR-RABA' PAKKETT FERROVJARJU 8

In-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta’ impriżi ferrovjarji 8

Ftuħ u governanza tas-suq ferrovjarju 9

Proposti tal-Kummissjoni dwar il-ftuħ u l-governanza tas-swieq 10

AFFARIJIET OĦRA 11

Inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ fil-konferenza annwali dwar is-sikurezza tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni 11

Galileo 11

L-impatt tal-embargo Russu fuq is-settur Litwan tat-trasport tal-merkanzija bit-triq 11

Programm ta’ ħidma tal-Presidenza li jmiss fil-qasam tat-trasport 11

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

xejn

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sinjura Jacqueline GALANT	Ministru għall-Mobilità, responsabbli mill-Belgocontrol u l-Kumpannija Ferrovjarja Nazzjonali tal-Belġju NMBS/SNCB
Bulgarija:	
Is-Sur Ivaylo MOSKOVSKI	Ministru għat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Ladislav NĚMEC	Viċi Ministru għat-Trasport
Danimarka:	
Is-Sur Magnus HEUNICKE	Ministru għat-Trasport
Ġermanja:	
Is-Sur Alexander DOBRINDT	Ministru Federali għat-Trasport u l-Infrastruttura Diġitali
Estonja:	
Is-Sur Clyde KULL	Viċi Rappreżentant Permanenti
Irlanda:	
Is-Sur Paschal DONOHOE	Ministru tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej (Dipartimenti tat-Taoiseach u tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ)
Greċja:	
Is-Sur Andreas PAPASTAVROU	Viċi Rappreżentant Permanenti
Spanja:	
Is-Sinjura Ana Maria PASTOR JULIÁN	Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi
Franza:	
Is-Sur Alain VIDALIES	Segretarju tal-Istat għat-Trasport, il-Baħar u s-Sajd
Kroazja:	
Is-Sur Siniša HAJDAŠ DONČIĆ	Ministru għall-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Infrastruttura
Italja:	
Is-Sur Maurizio LUPI	Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport
Ċipru:	
Is-Sur Marios DEMETRIADES	Ministru għall-Komunikazzjoni u x-Xogħlijiet
Latvja:	
Is-Sur Anrijs MATĪSS	Ministru għat-Trasport
Is-Sur Kaspars OZOLIŅŠ	Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tat-Trasport
Il-Litwanja:	
Is-Sur Arijandas ŠLIUPAS	Viċi Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni
Lussemburgu:	
Is-Sur François BAUSCH	Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Infrastruttura
Ungerija:	
Is-Sur Olivér VÁRHELYI	Viċi Rappreżentant Permanenti
Malta:	
Is-Sur Joe MIZZI	Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura

Olanda:	
Is-Sinjura Melanie SCHULTZ van HAEGEN-MAAS GEESTERANUS	Ministru għall-Infrastruttura u l-Ambjent
Is-Sinjura Wilma MANSVELD	Segretarju tal-Istat għall-Infrastruttura u l-Ambjent
Awstrija:	
Is-Sur Alois STÖGER	Ministru Federali għat-Trasport, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija
Polonja:	
Is-Sur Zbigniew KLEPACKI	Sottosegretarju tal-Istat għall-Infrastruttura u l-Iżvilupp
Portugall:	
Is-Sur Sérgio MONTEIRO	Segretarju tal-Istat għall-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni
Rumanija:	
Is-Sur Iulian MATACHE	Segretarju tal-Istat, Ministeru għat-Trasport
Slovenja:	
Is-Sur Peter GAŠPERŠIČ	Ministru għall-Infrastruttura
Slovakkja:	
Is-Sur František PALKO	Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tat-Trasport, il-Kostruzzjoni u l-Iżvilupp Reġjonali
Finlandja:	
Is-Sinjura Marianne HUUSKO-LAMPONEN	Viċi Rappreżentant Permanenti
Svezja:	
Is-Sinjura Anna JOHANSSON	Ministru għall-Infrastruttura
Renju Unit:	
Is-Sur Robert GOODWILL	Sottosegretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ippjanar

Kummissjoni:	
Is-Sinjura Violeta BULC	Membru
Is-Sinjura Elżbieta BIEŃKOWSKA	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

INVESTIMENTI FL-INFRASTRUTTURA

Il-Kunsill adotta, f’sessjoni pubblika, sett ta’ **konklużjonijiet dwar l-infrastruttura tat-trasport u n-netwerk trans-Ewropew (TEN-T)**. Il-konklużjonijiet ser jikkontribwixxu għar-**rieżami ta’ nofs it-term tal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir**, skedata għall-2015.

Il-messaġġ ewlieni li għandu jintbagħat lill-Kunsill Ewropew ta’ Diċembru – u fil-qafas tar-rieżami tal-Istrateġija Ewropa 2020 – huwa li l-ekonomija tal-UE teħtieġ netwerk ta' infrastruttura tat-trasport komplut u effiċjenti biex tikber u tiġġenera l-impjiegi.

Għadd kbir ta’ Ministri tkellmu biex jirringrazzjaw lill-Presidenza għal dawn il-konklużjonijiet u għall-messaġġ li jittrasmettu. Diversi Ministri laqgħu l-preżentazzjoni tal-pjan ta’ investiment ta' Juncker fis-26 ta’ Novembru. Huma, flimkien mal-Presidenza u l-Kummissjoni, qiesu li l-investimenti f’infrastruttura tat-trasport li jiġġeneraw benefiċċji kemm fil-perijodu qasir kif ukoll fit-tul ser jikkontribwixxu għall-aġenda tal-President Juncker.

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-infrastruttura tat-trasport u n-netwerk trans-Ewropew

Il-Viċi President Henning Christophersen u l-koordinatur Carlo Secchi ppreżentaw ir-rapport interim tagħhom, li huma fasslu flimkien mal-koordinatur Kurt Bodewig. Ir-rapport jidentifika eżempji ta’ proġetti TEN-T li jistgħu jkunu partikolarment adatti għal skemi finanzjarji ġodda. L-awturi beħsiebhom jippreżentaw rapport finali fir-rebbiegħa tal-2015. L-għan tagħhom huwa li jiġi żgurat li proġetti ta’ trasport Ewropej se jkunu f’pożizzjoni li jibbenefikaw minn dawn l-iskemi. Ir-rapport ġie kkummissjonat mill-Presidenza Taljana waqt il-laqgħa informali tal-Ministri tat-Trasport f’Settembru 2014.

- Skemi finanzjarji ġodda għall-proġetti tal-infrastruttura tat-trasport Ewropej – Rapport interim
- Netwerk trans-Ewropew tat-trasport
- Evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

SES II+: AJRU UNIKU EWROPEW

Il-Kunsill laħaq **approċċ ġenerali** dwar żewġ proposti tal-pakkett SES II+: li jitħaffef il-pass tal-**implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew** (proposta tas-SES) u li jiġu emendati r-regoli għall-**Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni** (proposta tal-EASA).

L-inizjattiva Ajru Uniku Ewropew għandha l-għan li tirriforma l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew. Il-mira tagħha hija li l-frammentazzjoni attwali tal-ispazju tal-ajru tingħeleb, li s-servizzi tat-traffiku tal-ajru jsiru aktar effiċjenti u li l-użu tal-kapaċità tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jiġi ottimizzat. Trajettorji tat-titjir aktar dritti u koperazzjoni akbar għandhom jagħmlu it-titjir saħansitra aktar sigur, inaqqsu l-ispejjeż u l-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra. Dan kollu għandu jagħmel wkoll is-settur tat-trasport bl-ajru Ewropew aktar kompetittiv meta mqabbel ma' reġjuni oħra tad-dinja.

- Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa: Ajru Uniku Ewropew: Il-Kunsill jaqbel dwar il-pożizzjoni tiegħu

PERSUNAL TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD

Il-Ministri **fil-prinċipju qablu** dwar deċiżjoni li **tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd** (STCW-F). Issa li hemm qbil mill-Kunsill, il-proposta tista’ tintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-kunsens tiegħu. Wara li jkun inkiseb il-kunsens, il-Kunsill jkun jista’ jadottaha.

STCW-F hija konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, li ġiet adottata fl-1995 u daħlet fis-seħħ fl-2012. Hija l-ewwel tentattiv biex l-istandards ta' sigurtà għall-ekwipaġġi ta' bastimenti tas-sajd isiru obbligatorji fuq livell dinji.

L-objettiv tal-konvenzjoni huwa li tiżgura li l-persunal abbord bastimenti jkun kemm kwalifikat kif ukoll f'saħħtu biżżejjed biex iwettaq xogħlu. Biex jagħtu prova ta' dan, jeħtieġu ċertifikat u għandhom jgħaddu minn eżami mediku. Dan għandu jimminimizza riskji potenzjali għas-sikurezza għal persuni fuq il-baħar, kif ukoll għall-proprjetà u l-ambjent tal-baħar. Għan ieħor huwa li jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-settur tas-sajd.

Id-dispożizzjonijiet japplikaw għal bastimenti ta' tul mhux inqas minn 24 metru b’saħħa ta’ propulsjoni ta’ mhux inqas minn 750 kW. Dawn jikkonċernaw kaptani, uffiċjali, uffiċjali inġiniera u operaturi tar-radju.

L-UE ma tistax issir parti għall-Konvenzjoni STCW-F, minħabba li Stati biss jistgħu jkunu partijiet għaliha. Diġà ngħaqdu magħha erba’ pajjiżi tal-UE (id-Danimarka, Spanja, il-Latvja u l-Litwanja). Skont il-Kummissjoni, xi taqsimiet mill-konvenzjoni jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE fir-rigward tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-liġi sekondarja tal-UE. Minħabba f'hekk, jeħtieġ li l-Istati Membri jiġu awtorizzati mill-Kunsill biex isiru partijiet għal STCW-F.

It-test tad-deċiżjoni jistieden ukoll lill-pajjiżi kollha tal-UE b’bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jew portijiet li jirċievu bastimenti tas-sajd fuq il-baħar li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjoni, jew istituzzjonijiet ta’ taħriġ għall-persunal tal-bastimenti tas-sajd, biex isiru parti għall-konvenzjoni.

- Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri
- Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali: STCW-F

IR-RABA' PAKKETT FERROVJARJU

Il-Kunsill adotta **approċċ ġenerali** dwar proposta għat-tħassir tar-regolament attwali dwar in-**normalizzazzjoni tal-kontijiet** ta’ impriżi ferrovjarji. Il-Ministri **ħadu kont ukoll tal-progress** li sar fiż-żewġ proposti għat-titjib tas-servizzi ferrovjarji fl-UE permezz tal-**ftuħ tas-swieq** u **governanza** aktar b'saħħitha.

Flimkien, dawn il-proposti jsawru l-**pilastru "politiku" jew "tas-suq" tar-raba' pakkett ferrovjarju**. Biex isiru liġi, ser ikollhom jiġu approvati mill-Parlament Ewropew ukoll.

In-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta’ impriżi ferrovjarji

L-għan tal-proposta huwa li tħassar ir-Regolament 1192/69, li skada u sar inkompatibbli mal-leġislazzjoni tal-UE. Oriġinarjament kien ġie adottat biex jallinja l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' kumpanniji ferrovjarji nazzjonali monopolistiċi ma’ dawk ta’ setturi oħra tat-trasport.

Dan l-arranġament partikolari kien meħtieġ fis-sittinijiet, meta kumpanniji ferrovjarji nazzjonali kienu f’bosta każijiet qed jaqdu dmirijiet f’isem l-awtoritajiet pubbliċi. Dawn kienu jħallsu allowances tal-familja u pensjonijiet u kienu jkopru spejjeż mediċi. Kienu jikkontribwixxu għal politika ġenerali tal-impjiegi billi jimpjegaw nies mingħajr ma kienu tassew jeħtiġuhom. Saħansitra sewwew ukoll danni kkawżati mill-gwerra bil-baġit tagħhom stess. Dawn l-ispejjeż, u f’xi każijiet anke benefiċċji, poġġew lill-kumpanniji ferrovjarji f’pożizzjoni inġusta meta mqabbla ma’ modi oħra ta’ trasport.

Erba’ Stati Membri biss – il-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Polonja – għadhom jużaw ir-Regolament. Il-kategoriji ta' kumpens li għadhom qed jintużaw huma: telf jew korriment fuq il-post tax-xogħol, pensjonijiet u spejjeż tal-intersezzjonijiet fl-istess livell. It-totali annwali tal-kumpens huwa ftit aktar minn EUR 100 miljun.

Madankollu, il-pagamenti kompatibbli mal-liġi tal-UE jistgħu jsiru taħt strumenti jew arranġamenti alternattivi. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-intersezzjonijiet fl-istess livell, li huma l-akbar kategorija, ser ikun daħal fis-seħħ strument alternattiv sas-16 ta' Ġunju 2015, meta għandha titlesta t-traspożizzjoni tad-direttiva li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea.

Il-Ministri qablu li r-regolament għandu jidħol fis-seħħ ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, kif issuġġerit mill-Kummissjoni.

- Normalizzazzjoni tal-kontijiet: rapport għall-Kunsill

Ftuħ u governanza tas-suq ferrovjarju

Id-direttiva u r-regolament proposti għandhom l-għan li jtejbu s-**servizzi domestiċi għall-passiġġieri** billi **jiftħuhom għall-kompetizzjoni**. Dawn ifittxu li jintroduċu wkoll regoli ġodda għall-**governanza tal-amministraturi tal-infrastruttura** sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-infrastruttura u rispons aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq.

L-objettiv huwa li s-servizzi ferrovjarji jsiru aktar dinamiċi u orjentati lejn il-klijent u li jitħeġġu l-investiment u l-innovazzjoni.

Il-ħidma fil-grupp ta' ħidma mxiet 'il quddiem mindu sar id-dibattitu tal-Kunsill f'Ottubru. Rapport ta' progress jiġbor fih il-ħidma li saret sa issa u jinkludi suġġerimenti għal aktar diskussjoni.

- Rapport ta' progress dwar il-ftuħ u l-governanza tas-suq

Sabiex jinkiseb aktar progress, **il-Presidenza tissuġġerixxi li jiġu esplorati, fost oħrajn, il-kwistjonijiet li ġejjin:**

– Għandhom jinħolqu salvagwardji biex jiġi ppreservat l-"ekwilibrju ekonomiku" jew il-vijabilità tal-kuntratti għal servizzi pubbliċi, jiġifieri kuntratti li jinvolvu obbligu li jiġu pprovduti servizzi anki meta ma jħallux qligħ.

– Għandhom ukoll jiġu introdotti salvagwardji biex jiġi evitat li jintagħżel biss dak li jirrendi ("cherry-picking"). Dan ifisser li l-kumpanniji kummerċjali ma għandhomx jitħallew jagħżlu linji li jirrendu, għad-detriment ta' linji li jagħmlu telf iżda li huma fl-interess pubbliku.

– Għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jiġbru f'pakkett wieħed linji li jirrendu ma' oħrajn li jagħmlu telf għal kuntratti għal servizzi pubbliċi.

– Jekk il-prinċipju tal-għoti kompetittiv jinżamm, għandhom ikunu permessi għadd ta’ eċċezzjonijiet.

– L-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu huma stess il-mudell ta’ governanza tagħhom. Ikun hemm regoli komuni biex jiżguraw l-imparzjalità tal-amministraturi tal-infrastruttura u t-trasparenza tal-flussi finanzjarji irrispettivament mill-istruttura.

– L-iskadenzi għandhom ikunu itwal minn dawk issuġġeriti mill-Kummissjoni.

Is-suġġerimenti tal-Presidenza huma punti ta' referenza għal aktar diskussjoni u mhuma bl-ebda mod maħsubin li jkunu preskrittivi.

Proposti tal-Kummissjoni dwar il-ftuħ u l-governanza tas-swieq

Wara l-ftuħ tas-servizzi ta' trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-2007 u tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri fl-2010, il-Kummissjoni qed tipproponi li jinfetħu s-servizzi domestiċi tal-passiġġieri ferrovjarji għall-kompetizzjoni minn Diċembru 2019. Minn dakinhar 'il quddiem, l-impriżi ferrovjarji tal-UE b'hekk ikollhom aċċess ugwali fil-pajjiżi kollha tal-UE għal-linji ferrovjarji, is-sinjali u l-istazzjonijiet sabiex jmexxu s-servizzi domestiċi tal-passiġġieri.

Barra minn hekk, mill-2019, il-kuntratti ta' servizz pubbliku, li bħalissa jikkostitwixxu aktar minn 90% tal-vjaġġi ferrovjarji fl-UE, jistgħu, bħala regola ġenerali, jiġu soġġetti għal proċedura obbligatorja ta' offerti. Il-kuntratti eżistenti, mogħtija direttament ikunu jistgħu jibqgħu validi sad-data tal-iskadenza tagħhom imma mhux wara l-aħħar tal-2022.

Il-Kummissjoni qed tissuġġerixxi wkoll li jissaħħu r-regoli tal-UE dwar is-separazzjoni bejn l-amministraturi tal-infrastruttura, li jmexxu n-netwerk u l-istazzjonijiet, u l-impriżi ferrovjarji, li jipprovdu s-servizzi. Il-monopolji nazzjonali tal-ferroviji li jinkludu ż-żewġ funzjonijiet għandhom jinqasmu fi tnejn ("separazzjoni istituzzjonali"). Alternattivament, jekk l-Istati Membri jkunu jixtiequ jżommu l-istrutturi ta' holding eżistenti, għandhom jiġu introdotti salvagwardji stretti biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-amministratur tal-infrastruttura.

- Ir-raba' pakkett ferrovjarju

AFFARIJIET OĦRA

Inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ fil-konferenza annwali dwar is-sikurezza tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

Il-Presidenza informat lill-Ministri dwar il-konferenza annwali tal-EASA dwar is-sigurtà, li saret f'Ruma fil-15-16 ta' Ottubru 2014. Il-konferenza ffukat fuq is-sigurtà tal-avjazzjoni ġenerali u sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPAS, drones ċivili). Il-Kummissjoni ħabbret it-tmiem tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-RPAS. Huwa għandu jkun segwit minn proposti konkreti mill-Kummissjoni s-sena d-dieħla.

Is-suġġett ta' sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod kienet indirizzata wkoll mill-Ministri fil-laqgħa tal-Kunsill Trasport f'Ottubru.

Galileo

Il-Kummissjoni aġġornat lill-Ministri dwar il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tas-sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE, Galileo u EGNOS. Il-Kummissjoni enfasizzat il-potenzjal politiku u ekonomiku tagħhom u għamlitha ċara li l-għan huwa li jiġu pprovduti l-ewwel servizzi ta' Galileo sal-2016 u s-servizzi kollha sal-2020.

L-impatt tal-embargo Russu fuq is-settur Litwan tat-trasport tal-merkanzija bit-triq

Id-delegazzjoni Litwana informat lill-ministri bid-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom dan l-aħħar trakkijiet u vetturi tal-passiġġieri Litwani fuq il-fruntiera Russa. Hija ġibdet l-attenzjoni għall-konsegwenzi ekonomiċi serji u t-telf finanzjarju potenzjali għal għadd ta' operaturi ekonomiċi.

Il-Kummissjoni wegħdet li tissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib.

- Nota ta' informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana

Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss fil-qasam tat-trasport

Il-presidenza Latvjana li jmiss ippreżentat il-programm ta' ħidma tagħha dwar it-trasport għall-ewwel nofs tal-2015. Il-proposti leġislattivi li hija ser tiffoka fuqhom jinkludu, fost oħrajn, ir-raba' pakkett ferrovjarju, id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Oqsma oħra ta' prijorità jinkludu s-sigurtà fit-toroq, l-ambjent internazzjonali tat-trasport marittimu, u n-netwerk trans-Ewropew tat-trasport. Il-laqgħat tal-Kunsill Trasport huma skedati għat-13 ta' Marzu u l-11 ta' Ġunju 2015.

- Nota ta' informazzjoni mill-Presidenza Latvjana

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI